## IT-TIFKRA SOLENNI TAL-ĠISEM U D-DEMM TA' KRISTU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**
**Ġen 14, 18-20**

F'dak iż-żmien: Melkisedek, is-sultan ta' Salem, li kien qassis ta' Alla l-Għoli, ġieb ħobż u nbid, bierku u qal:
"Imbierek Abram minn Alla l-Għoli,
li ħalaq is-sema u l-art,
u mbierek Alla l-Għoli,
li reħa f'idejk l-għedewwa tiegħek.''
U tah l-għexur ta' kollox.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 109**
**Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!**

Il-kelma tal-Mulej lil Sidi;
"Oqgħod fuq il-lemin tiegħi
sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek
mirfes taħt riġlejk.''

**R/. Inti qassis għal dejje,m bħal Melkisedek!**

Ix-xettru tal-qawwa tiegħek
jibgħat il-Mulej minn Sijon;
Aħkem f'nofs l-għedewwa tiegħek.

**R/. Inti qassis għa dejjem bħal Melkisedek!**

Tiegħek is-setgħa sa minn twelidek
fuq il-għoljiet imqaddsa,
sa minn qabel is-sebħ
bħan-nida jien nissiltek.

**R/. Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!**

Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih:
"Inti qassis għal dejjem
bħal Melkisedek!''

**R/. Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin.**
**1 Kor 11, 23-26**

Ħuti: Jiena rċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesu', fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u, wara li radd il-ħajr, kisru u qal; "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; għamlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll, wara li kiel, ħa l-kalċi u qal: "Dan hu l-kalċi tal-patt il-ġdid b'demmi; kull meta tixorbu, għamlu dan b'tifkira tiegħi.' Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu l-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej, sa ma jiġi.

**SEKWENZA (Tista' ma tingħadx)**

Faħħar, Sijon, il-Feddej,
ir-ragħaj tiegħek u l-mexxej,
bl-innijiet u l-għana.
Ibqa' faħħru daqs kemm tista',
Għax Hu 'l fuq minn kull tifħir,
qatt ma tfaħħru kemm jistħoqqlu.

Għat-tifħir ħaġa tal-għaġeb,
il-ħobż ħaj li jagħti l-ħajja,
hawn quddiemna f'dan il-jum.
Dak il-ħobż li fuq il-mejda,
lill-appostli fl-ikla mqaddsa,
kien ingħata biex jikluh.

Ikun sħiħ it-tifħir tiegħek,
b'qalb ferrieħa, b'leħen għoli,
ikun jixraq ferħ ir-ruħ.
Għax dal-jum ta' festa kbira,
ta' dik l-ikla hu t-tifkira,
meta saret l-ewwel darba.

F'dina l-ikla s-Sultan tagħna,
l-Għid il-ġdid tal-liġi l-ġdida,
temm għal kollox l-Għid qadim.
Il-qadim twarrab mill-ġdid,
dak li hu ġie flok ix-xbieha,
id-dawl biegħed dlam il-lejl.

Dak li twettaq fl-aħħar ċena,
Kristu ried jibqa' jiġġedded,
biex ikun tifkira tiegħu.
Imgħallmin b'tagħlim imqaddes,
nibdlu l-ħobż u l-inbid tagħna
B'sagrifiċċju għas-saħħa tagħna.

Twemmin ġdid lilna l-insara,
li dal-ħobż jinbidel f'Ġisem,

u l-inbid jinbidel f'Demm.
Dak li ma tarax jew tifhem,
it-twemmin isaħħu u jwettqu,
fuq kull ordni tan-natura.

Taħt xbihat fejn aħna nilmħu
mhux il-ħajja, imma sinjali,
jinħbew ħwejjeġ hekk għeżież.
Ikel Ġismu, xorb hu Demmu,
iżda Kristu sħiħ hemm moħbi
taħt kull waħda mix-xbihat.

Sħiħ jittiekel Kristu kollu,
bla jitkisser, bla jitfarrak,
bla jinqasam minn min jieħdu.
Jieklu elf u jiekol wieħed,
kemm ħa dan, hekk jieħdu
huma, bla jintemm meta jittiekel.

Jieklu t-tajba, jieklu l-ħżiena;
imma 'l dawk iġib il-ħajja,
lil dawn jixħet fit-telfien.
Mewt għall-ħżiena, ħajja għat-
tajba; ara kif jinbidel fihom,
għalkemm jieħdu l-istess ikel.

Meta l-Ostja tkun maqsuma,
la tibżax, imm'inti ftakar,
taħt ix-xbieha ta' kull farka
hemm jinsab daqs fl-Ostja sħiħa.
Ebda ksur ma jsir fi Kristu;
biss ix-xbieha tkun miksura;
u b'dal ksur xejn ma jitnaqqas
f'Dak il hu taħt din ix-xbieha.

Dan ħobż l-Anġli, magħmul ikel
għall-bnedmin fit-triq tal-ħajja,
ikel bnin għall-ulied kollha,
li m'għandux fix-xejn jintrema.
Bi xbihaħ kien ilu mħabbar,
f'dik l-offerta ta' Iżakk,
fil-ħaruf li nqatel fl-Għid,
u fil-manna tad-deżert.

Int ragħaj tajjeb, ħobż tassew,
Ġesu' tagħna, ħenn għalina.
Int itmagħna u ħarisna:
inti lilna l-ġid urina
fl-art imbierka tal-ħajjin.
Int li taf u tista' kollox,

li titmagħna hawn f'dil-ħajja,
hemm għamilna lkoll imsieħba,
f'għaqda waħda lkoll werrieta
mal-qtajjiet tal-qaddisin.

**Amen., Hallelujah.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Jiena hu l-ħobż, li niżel mis-sema, igħid il-Mulej;
jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 9, 11b-17**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qagħad ikellem il-folol fuq is-Saltna ta' Alla, u fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan. Il-jum kien wasal fit-tmiem. Resqu lejh it-Tnax u qalulu: "Ibgħathom in-nies ħa jmorru fl-irħula u l-irziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk qegħdin f'post imwarrab.'' Iżda hu qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu:'' Qalulu: "Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet! Jekk ma għandniex immorru aħna stess nixtru l-ikel għal dawn in-nies kollha!'' Għax kien hemm madwar il-ħamest elef raġel. U qal lid-dixxipli tiegħu: "Qegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin.'' Hekk għamlu, u qiegħdu lil kulħadd bilqiegħda.
Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies quddiemhom. U kulħadd kiel u xeba' u l-bċejjeċ tal-ħobż li fadal inġabru fi tnax-il qoffa.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu**